Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 496 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Matthew Munro

Illum s-27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Matthew Munro detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 430988 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Dicembru, 2011 ghall-habta ta' 02:00 hrs ta' filghodu gewwa Triq Rue D' Argens, Gzira, kantuniera ma Gzira Road, Gzira.

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Rachel Lynn Cauchi skont kif iccertifikat minn Dr. Malcolm Caruana reg. 5297.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Novembru, 2017, fejn il-Qorti, sabet lill-imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u wara li l-Qorti qieset li Rachel Lynn Cauchi sahansitra kienet fil-

periklu tal-mewt b' konsegwenza tal-incident izda minn-naha l-ohra l-imputat volontarjament hallsilha l-ispejjez medici kollha, u kif ukoll li apparti l-interess immedjata tal-parte lesa hemm l-interess tal-utenti kollha tat-toroq taghha li juzawhom b' mod sikur; wara li rat l-Artikoli 218 u 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-hlas ta' €2,000 multa. Billi ma hemmx talba appozita, u billi ghaddew sitt snin mill-incident, il-Qorti ma issospenditx l-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Matthew Munro, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokaha u kwindi tillibera lill-appellant skont il-ligi u minn kull imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformaha in rigward tal-piena nflitta u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekja l-kaz in ezami.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Matthew Munro:

> "Illi l-aggravji huma precizament il-fatt illi ' a proper look out' kienet aspettanti miz-zewg xufiera cioe' l-appellant kif ukoll dak tal-coach involuta fil-habta kerha li sehhet in segwitu illi t-traffic lights ma kienux qedin jiffunzjonaw, fatt, konfermat mix-xhieda prodotti quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll mir-rapport tas-surgent okkorrenza anness fl-istess process. Jsegwi, illi f' salib it-toroq fejn sehh l-incident mertu ta' dan l-appell ma hemmx stop signs u l-lights jinsabu metri l-boghod mill-kantuniera, minn Rue D' Argens tohrog ghad-direzzjoni opposta, kif wkoll fit-triq li taghti ghal Savoy Area Sliema.
>
> Jirrizulta wkoll illi, x-xufier tal-vettura xarabank, GPY014, Nathaniel Spiteri, ma nstabu ebda brake marks, indikazzjoni cara illi, lanqas brake ma ha, qabel jipprosegwi ghad-direzzjoni tieghu, nizel mis-Savoy lejn il-Gzira stadium zona. Kuntrarjament, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, lanqas ma kien hemm brake marks da parti tal-vettura Mercedes misjuqa mill-appellant. Fil-fatt l-istess Mercedes waqfet hesrem b' qatgha li kellu fuqu l-appellant meta ra x-xarabank gejja fuqu minn naha tas-Savoy.

Kieku kien hemm marki tal-breakijiet da parti tal-vettura xarabank imsemmija, wiehed seta' jaghmel inferenza illi l-appellant qabad u hareg minghajr a proper look out, kif inhu mistenni mix-xufiera. Hawn insibu diversi kazistika illi jreggu dan l-aggravju:

> "A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in a case of a road passing through a build up area, of pavements on the side of the road a swell" (Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd. 1968).

Dan jimplika, in subiecta materia, illi x-xufier tal-linja xarabank, ergo, Nathaniel Spiteri, ghad illi triqtu apparentament, tidher illi hija triq principali, stante illi d-dwal tat-traffiku ma kienux qedin jiffunzjonaw kellu juza kawtela dicenti u mhux jibqa' ghaddej bhallikieku d-dwal qeghdin jiffunzjonaw u indikabbli dawl ahdar cioe' dritta tat-triq biex issuq (P vs Aldo Muscat 27/5/2004, Appelli Kriminali). Naturalment, dan jghodd ukoll ghall-appellant, imma, kif wkoll jirrizulta mix-xhieda u process esebiti, ix-xarabank fil-hin bikri tal-lejl meta sehh l-incident, baqghet tinstaq sakemm sehhet il-habta, u l-appellant b' xokk fuqu waqaf hesrem imma kien tard wisq biex ix-xarabank ma tibqax diehla fil-vettura tieghu, bil-konsegwenzi li rrizultaw.

Jsegwi wkoll mill-provi prodotti, illi l-appellant ma kienx akkuzat wisq anqas misjub hati li kien qed isuq taht l-effetti tal-akohol.

Dan il-punt, kien wkoll accenata fl-appell, P vs J.M. Laferla (17/6/1961), kif ukoll gie deciz u varjat l-appell, P vs Alfonso Abela (10/03/2005 per JGD), fejn fil-kaz tal-ahhar, sentenza appellata ta' prigunerija sospiza dwar griehi gravi kagunati bi traskuragni ta' sewqan, kienet varjata u mnaqqsa fl-appell imsemmi billi kien ritenut illi l-appellant imputat, ma jirrizultax illi wera xi nuqqasijiet ta' proper look out, kagun ta' pedestrian li qabad u qasamlu t-triq bl-addocc. Kieku modo di dire, il-lights tat-traffiku kienu qedin jifunzjonaw, meta sehh l-incident tal-appell odjern, allura kienet tkun storja totalment differenti u certament dak ix-xufier li baqa ghaddej fuq l-ahmar kien jirrispondi serjament ghall-griehi sofferti minn Rachel Cauchi, il-passiggiera riekba wara fil-vettura tal-appellant.

Illi, l-appellant, iddispjacieh immens b' li gara u cioe' griehi gravi, (imma mhux illi jinkwadraw fl-artikolu 218 tal-Kap 9, - feriti gravi li jhallu marki permanenti fuq il-vittma), tant illi ghena finanzjarjament sabiex tkun operata medikament, kif xehdet Rachel Cauchi stess waqt il-kawza appellat. Dan, bl-ebda mod ma jista' jimpingi illi l-appellant kien il-kagun tal-incident li sehh izda ghamel hekk bhala habib li kien ma passiggiera li nzertat riekba mieghu, meta kif gia ritenut u rizultanti, ebda stop sign ma tezisti stante illi fil-lok hemm traffic lights, izda li dak il-lejl, ma kienux qedin jahdmu.

Applikazzjoni erronja tal-Artikolu mahrug fl-akkuza:

Jirrizulta wkoll, illi l-prosekuzzjoni, harget akkuza wahda kontra l-appellant. Din kienet l-akkuza fl-Art. 226 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa, dan l-artikolu jghodd ghal griehi gravi li jhallu marki u effetti permanenti li jkunu sehhew b' azzjoni ta' traskuragni, nuqqas ta' hila u nvolontarjament. Mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti rrizulta illi, Rachel Cauchi illum ma baqalhiex ebda marka u difett fiziku li jinkwadraw fl-artikolu applikat fl-akkuza. Dan xehditu hija stess waqt il-kawza. Jsegwi illi, f' kaz ta' sejba ta' htija, l-artikolu propizju kellu jkun, l-artikolu 226 (1) (b) u mhux 226 (1) (a)! Id-differenza bejn dawn is-sub artikoli hija, illi fil-kaz tas-sub-paragrafu (b), il-griehi gravi jinkwadraw mal-artikolu 216 mhux 218 tal-Kap.9 dejjem fl-involontarjat.

B' hekk jsegwi illi fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn intqal u saret referenza ghac-certifikat mahurg minn Dr. Mario Scerri, espert forensiku, dak iz-zmien tal-incident, ossia, 2011, u x-xhur bidu sena 2012, Rachel Cauchi effettivament, ma baqghatx tbati ghall-grazzja ta' Alla minn feriti u marki ta' sfregju kif tipprovdi fl-artikolu moghti fl-akkuza kontra l-appellant. Il-piena nflitta tinkwadra fl-artikoli msemmija, pero' l-elementi ta tort huwa l-aggravju principali mressaq fl-appell odjern, u dan, stante' illi, l-appellant, ma setghax jara x-xarabank gejja minn blind corner kif inhu l-kaz fejn sehh l-inicident, cioe' Rue D' Argens. Kellu certament jnaqqas il-velocita' ix-xufier tal-linja, filwaqt kif fil-fatt sehh, l-appellant waqaf, imma hareg minn blind corner rizultanti l-incident ta' habta max-xarabank imsemmi."

Semghet sottmossijonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ewlieni mqajjma mill-appellant huwa marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti dwar is-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri u dan meta ir-responsabbilta' ghall-incident tat-traffiku gie impoggi fuq spallejn l-appellant.

Illi kif dejjem gie ribadit huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta` huwa l-artikolu 637 li tistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ…'.[3] .

Illi din il-Qorti ghalhekk ezaminat l-atti processwali mill-gdid u dan sabiex tqies jekk l-Ewwel Qorti setatx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Illi mill-provi migjuba in atti jirrizulta illi nhar it-23 ta' Diċembru 2011 għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu seħħ inċident stradali fl-inkroċju bejn Triq Rue D'Argens, Gżira u Triq tas-Sliema, ezattament fejn jinsabu t-*traffic lights*. Fil-hin tal-incident it-*traffic lights* ma jkunux qedgħin jiffunzjonaw, imma iteptpu biss fuq id-dawl l-isfar. Fl-incident kienu involuti l-vettura tal-għamla Mercedez Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni CBF632 misjuqa mill-appellant u vettura tat-tip *coach* tal-għamla Scania Irizar bin-numru ta' reġistrazzjoni GPY014 li kienet misjuqa minn Nathaniel Spiteri. Skont l-iskizz li sar fuq ix-xena kif ukoll mir-rapporti redatti kemm mill-espert Perit Richard Aquilina kif ukoll minn Dr. Mario Buttigieg nominati fl-inkjesta magisterjali, l-vettura Mercedes subiet ħsarat estensivi fuq il-parti ta' quddiem taghha fejn kien hemm ukoll tagħwiġ tal-*isteering* kif ukoll tas-sedili ta' quddiem fost ħsarat estensivi oħra. Mill-banda l-oħra l-*coach* kellu ghafsa kbira fil-ġenb tieghu bejn wieħed u ieħor fin-nofs u dan fuq in-naħa leminija tal-istess vettura. Irrizulta ukoll mill-istharrig maghmul mill-esperti fil-kors tal-*in genere* u mill-pulizija illi l-*coach* kienet qed tinsaq fid-direzzjoni lejn it-Telgha tas-Savoy, fi triq prinċipali filwaqt li l-appellant ħareġ minn triq sekondarja fil-mument li l-*coach* għaddiet minn quddiem l-inkroċju. F'dan il-mument seħħet il-kolliżjoni. L-appellant, dak in-nhar, kellu rekbin miegħu lil certu Charmaine Pace li kienet bil-qiedgħa fis-sedil tal-passiġier fuq quddiem u lil Rachel Lynn Cauchi li kienet bilqiedgħa fuq wara fejn mal-ħabta din ta' l-aħħar subiet feriti ta' natura gravi klassifikati wkoll *per durata* mit-tabib Mario Scerri, rizultat ta' frattura fil-kranju. Kienet iċċertifikata wkoll li f'dak il-mument kienet fil-periklu tal-mewt sakemm stabbilizzat ruħha.[4] Kemm l-appellant kif ukoll Charmaine Pace sofrew feriti iżda dawn ġew iklassifikati bħala ħfief u bla ebda effett duratur. Jidher ukoll mix-xiehda li ġiet migbura waqt l-inkjesta maġisterjali kif ukoll matul is-smigħ quddiem l-

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.
[4] Skont Dr. Malcolm Caruana. Hu rrilaxxa affidavit a folio 18 tal-atti proċesswali.

Ewwel Qorti illi l-appellant ħallas l-ispejjez kollha għall-ħsarat inkorsi kif ukoll għall-kura meħtieġa partikolarment mill-parti leza Rachel Lynn Cauchi li subiet kemm interventi kirurġiċi kif ukoll trattament mediku. L-espert Dr. Mario Buttigieg meta mitlub jispjega d-dinamika tal-inċident tenut kont tal-ħsarat li ġew subiti kif ukoll tal-mod kif il-vetturi spiċċaw wara l-impatt, apparti fatturi oħra, ikkonkluda illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba s-sewqan traskurat u neġliġenti tal-appellant li ammetta wkoll miegħu li kien taħt l-influwenza tax-xorb waqt li kien qed isuq.[5]

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jinsab mixli bir-reat taħt l-artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali li necessarjament irid jinqara kontestwalment ma dak dispost fl-artikolu 225 liema disposizzjonijiet tal-ligi joholqu ir-reat tal-offiza involontarja u li flimkien jinqraw:

> **Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta'tħaris ta' regolamenti, issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati,jeħel –**
>
> ***(a)*** **jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta'priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);**

L-artikolu 218 mill-banda l-oħra jippostula s-segwenti:

> (1) **L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin**
> (a) **jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;**
> (b) **jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;**
> (c) **jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.**
> (2) **Id-debulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.**

Issa ghalkemm l-appellant qieghed jintenta jimpunja d-decizjoni appellata fl-intier taghha, madanakollu minn qari tal-aggravji minnu ventilati ghandu jirrizulta illi dak li jikkontendi mhuwiex daqstant illi jinheles minn kwalunkwe responsabbilta' ghas-

[5] Ara r-rapport tal-espert Buttigieg a folio 62 et seq tal-Proces Verbal.

sinistru stradali mertu tal-kaz, izda iqies illi din r-responsabbilta' ma kellhiex tinkombi biss fuqu. Jishaq illi d-dmir li jinzamm 'l hekk imsejjħa '*proper lookout*' kien jinkombi mhux biss fuqu, li *del resto* huwa ighid li ezercita b'diligenza, izda ukoll bl-istess mod fuq is-sewwieq tal-*coach* li kellu l-istess obbligu u fil-fehma tiegħu naqas ukoll meta baqa' għaddej u ma waqqafx ghalkemm rah hiereg mit-triq laterali. Jinsisti l-appellant li dan kien evidenti minn nuqqas tas-sewwieq tal-*coach* milli japplika il-*brakes* hekk kif lemhu, billi l-*coach* ma halla l-ebda *brake marks* warajh. *Di piu'* l-appellant jiffoka fuq il-fatt li t-*traffic lights* fl-inkroċju in kwistjoni ma kenux qedgħin jaħdmu u lanqas ma kien hemm *stop signs* indikattivi ghas-sewwieqa illi huma ghandhom jieqfu qabel ma jintentaw jirfsu fuq it-triq principali. Kwindi lanqas kien hemm nuqqas minn naha tal-appellant tal-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tosserva illi l-appellant huwa zbaljat fl-argumenti minnu migjuba 'il quddiem. Ibda biex ma hemm l-ebda dubbju li l-appellant ħareġ minn triq sekondarja li kienet tisporġi għal fuq arterja ewlenija ta' traffiku bhalma hi Rue d'Argens, it-triq fejn kienet qed tinsaq il-*coach* minn Nathaniel Spiteri. Illi mhux l-ewwel darba illi fl-inkrocju fejn sehh dan is-sinistru stradali sehhew kollizzjonijiet simili, l-iktar fiz-zmien meta ma kenux ghadhom gew installati it-*traffic lights*. L-inkrocju huwa wiehed ferm perikluz fejn kull sewwieq allura ghandu id-dmir li jasal ghalih bl-ikbar kawtela. Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ghamlet referenza ghall-awtur O.C. MAZENGARD fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit. 1962 .pp.326-327) li jghid:-

> **"...there is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction ...It is important that the rule should be strictly observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away ; drivers who have the rule in their favour are entitled to expect that the rule will be observed by others.[6]"**

Dan il-kaz kien jitratta kaz analogu ta' incident awtomobilistiku li kien sehh f' Rue d'Argens bejn vettura hierga minn triq sekondarja u mutur li kien qieghed isuq fuq it-triq principali.

[6] Il-Pulizija vs Anthony Degabriele deciza fil-11 ta' April 2002

Irrizulta wkoll illi fil-hin li sehhet il-kollizzjoni d-dwal tat-traffiku ma kenux qed jiffunzjonaw u dan mhux minħabba xi difett iżda peress li bħala prassi dawn id-dwal jintfew matul il-lejl u allura ukoll fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu meta sehh l-incident. Fil-fatt mix-xiehda tal-esperti li marru fuq il-post, jidher illi f'dak il-hin id-dawl kien qed ipetpet fuq l-isfar (amber). Dan ifisser illi r-responsabbilta' li kienet tinkombi fuq l-appellant kienet wahda akbar u mhux icken kif donnu jikkontendi hu fejn jallega li gjaldarba ma kienx hemm sinjali tat-traffiku li jindikawlu biex jieqaf allura hass illi seta' jibqa' hiereg sparat!

Jidher ukoll mill-iskizz magħmul kemm mill-pulizija kif ukoll mill-Perit Richard Aquilina illi l-appellant kellu ħsarat estensivi fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura tiegħu, indikattivi ta' impatt frontali qawwi filwaqt li l-ħsarat riskontrati fuq il-*coach* kienu fil-ġenb lemini tal-istess, lejn in-nofs tieghu, konsistenti f'daqqa jew dent kbira li bdiet minn 3.70m mill-quddiem tal-vettura u estendiet tul ta' 1.60m.

L-appellant jipprova jizzvija lill-Qorti meta jistqarr fir-rikors tieghu tal-appell illi l-*coach* ma halliex sinjali tal-*brake* warajh sabiex jipprova jitfa' xi htija ghal dan is-sinistru fuq is-sewwieq Spiteri. Illi minn ezami tal-iskizz fil-fatt jidher car illi l-*coach* halla warajh *brake marks* tul ta' 9.50m, liema marki bdew meta il-*coach* kien lahaq skorra iktar minn nofs tat-triq sekondarja. Minn naha l-ohra l-ebda *brake marks* ma ġew riskontrati wara l-vettura misjuqa mill-appellant li mal-impatt mal-ġenb tal-*coach* din daret 90 grad u spiccat tħares fid-direzzjoni tat-telgħa tas-Savoy.[7] Charmaine Pace li kienet riekba fuq quddiem mal-appellant u allura xhud okulari ghal dan is-sinistru, tistqarr illi hekk kif l-appellant gie biex jisporgi mit-triq sekondarja ghal fuq Rue d'Argens, huwa ma rrallentax u allura wisq anqas waqqaf. Tghid ukoll illi l-appellant kien qed isuq b'veloċita' konsiderevoli li hi ddeskriviet bħala 'bis-saħħa'.[8] Dan jikkontradixxi sa ċertu punt dak li jallega l-appellant li wkoll irilaxxa l-verżjoni tiegħu mal-istess espert u fejn jallega li baqa għaddej għax id-dwal ma kienux qedgħin jaħdmu u ma nnutax *stop sign* ghalkemm naqqas xi ftit mill-

[7] Ara r-rapport u l-iskizz tal-Perit Richard Aquilina a folio 12 et seq tal-Proces Verbal kif ukoll ir-rapport tal-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg a folio 62 et seq tal-Proces Verbal.
[8] Ara folio 73 mill-Proces Verbal, xhieda datata l-4.1.12 – Ix-xhud tgħid li kif wasslu mal-cross road l-appellant kien qed isuq '*ftit b'saħħtu u hu qatt ma naqqas jew waqaf viċin l-inkroċju*'.

veloċita'. L-appellant debitament imwissi skont il-liġi, ikkonferma li qabel l-incident hu kien xorob tazza nbid u żewġ grokkijiet *whisky* waqt li kien il-Kazin tan-Nazzjonalisti flimkien mal-passiġġiera Pace u Cauchi. Ikkonferma wkoll li sarlu test tan-nifs waqt li kien rikoverat l-isptar wara l-inċident, u li jinsab eżebit fl-atti tal-każ[9], fejn ir-riżultat kien ta' 57/100 u ċioe 22mg aktar mill-limitu preskritt mill-liġi.[10]

Nathaniel Spiteri li kien qed isuq il-*coach* involut f'dan l-inċident jistqarr illi kien qed isuq fit-triq prinċipali fid-direzzjoni lejn is-Savoy mill-Imsida u qabel qasam l-inkrocju ma' Triq tas-Sliema, hu teptep id-dwal u naqqas mill-veloċita' biex jissenjala l-preżenża tiegħu. Kif qabeż l-inkroċju sema' daqqa mal-ġenb lemini tiegħu. Minnufiħ għafas il-*brake* u waqaf.[11] Fil-hin tal-incident, u dan skont kif jikkonstataw l-esperti nominati fl-inkjesta, l-kundizzjoni tat-triq fejn seħħ l-akkadut kif ukoll il-viżibilta' kienu tajbin, u z-zewg vetturi involuti f'din il-kollizjoni kienu jiffunzjonaw tajjeb u ma kellhom l-ebda difett li seta' kkontribwixxa għall-inċident.

Il-vittma Rachel Lynn Cauchi issofri diversi griehi kagun tal-impatt qawwi u dan kif jiccertifika l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri. L-espert jikkonkludi illi l-gerha li l-vittma sofriet fuq mohhha kienet ser tibqa' viżibbli u allura tikkostitwixxi sfreġju permanenti f'wiċċha. In oltre skont dan l-istess espert kif ukoll kif iċċertifika t-tabib Malcolm Caruana li ezamina lil Cauchi l-isptar, jirriżulta li l-vittma subiet ukoll frattura fil-kranju li giet kklassifikata bħala ferita gravi *per durata*.[12] Dan ifisser, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti illi l-feriti sofferti mill-vittma jaqghu sewwasew taht dak dispost fi-subartikolu (1)(a)(b) tal-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali b'referenza wkoll għas-subartikolu (2) tal-istess disposizzjoni u mhux l-artikolu 216 kif qed jikkontendi l-appellant, biex b'hekk ir-reita' ghandha tirrizulta fit-termini tal-artikolu 226(1)(a) u mhux is-sub-inciz (b), ghalkemm il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ta' multa ta' €2000 taqa' fil-parametri taz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi. L-espert mediko-legali jikkonferma ukoll li meta eżamina lill-appellant hu

[9] Folio 10 tal-atti proċesswali.
[10] Ara folio 74 mill-Proces Verbal, xhieda datata l-4 ta' Jannar 2012.
[11] Folio 75 mill-Proces Verbal, xhieda datata l-4 ta' Jannar 2012.
[12] Folio 22 mill-Proces Verbal – rapport mediko legali ta' Dr. Mario Scerri.

kellu riħa ta' alkoħol fuqu, li tikkombaċċja mar-riżultat riskontrat meta' sarlu l-*breathalyzer test*.[13]

Magħdud dan allura huwa evidenti mill-provi miġjuba kif ukoll mill-konklużjonijiet tal-esperti nominati fl-*in genere*, li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal sejbien ta' ħtija unikament fl-appellant. Dan ghaliex fl-ewwel lok il-ħsarat riskontrati fil-*coach* misjuq minn Nathaniel Spiteri li huma lejn in-nofs tieghu kif inghad, huma indikattivi tal-fatt illi huwa kien diġa qasam l-inkroċju meta sehh l-impatt. Dan huwa ukoll imsahhah mill-fatt illi is-sinjali tal-*brake* li halla warajh il-*coach* jibdew fil-fatt min-nofs l-inkrocju. Fit-tieni lok ma hemmx dubbju illi l-appellant sporga fuq it-triq principali minghajr ma waqqaf u wisq anqas irrallenta meta kien qed isuq bi *speed* elevat, konsapevoli tal-fatt illi f'dak il-hin bikri ta' fil-ghodu it-*traffic lights* ma jkunux qeghdin jahdmu u jghinu lis-sewwieq sabiex jaqsam ghal fuq arterja principali tat-traffiku minghajr periklu. Din il-Qorti ghalhekk tqies illi l-verzjoni moghtija minn Spiteri hija wahda iktar kredibbli u verosimili billi hija issostanzjata mill-provi cirkostanzjali. Illi fil-fatt Spiteri li kien qieghed isuq fit-triq principali ma kellux obbligu jieqaf biex jesplora it-triq bhalma kellu l-appellant. Tant hareg bi *speed* qawwi l-appellant mit-triq sekondarja u minghajr ma waqqaf jew irrallenta illi l-*coach* kienet diga lahhqet nofsha ghaddiet tant illi Spiteri jgħid li waqaf kif sema' u ħass id-daqqa kbira fil-*coach* tiegħu u mhux għax ra lill-appellant ħiereġ billi dan hareg inaspettatament.

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet huwa allura evidenti kemm mill-provi diretti, kif ukoll minn dawk cirkostanzjali li kien l-appellant li naqas milli jeżerċita dik d-diligenza mistennija minnu meta naqas milli izomm dik l-*proper lookout* tant illi s-sewqan tieghu jitqies illi kien wiehed perikoluz u seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi. X'aktarx li l-istat ta' sokor tal-appellant ikkontribwixxa ghas-sewqan negligenti u perikoluz tieghu. Gie ritenut mill-qrati taghna li:

> **"Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".(App. Krim."Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout". (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961]).**

[13] Folio 12 tar-rapport tal-espert Dr. Mario Scerri formanti parti mill-Proces Verbal.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, li *del resto* taqa' fil-parametri ta' dak dispost kemm fis-sub-inciz (1)(a) u (b) tal-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qieset fost oħrajn il-fedina penali tal-appellant minn fejn johrog illi huwa kien diga' gie misjub hati ta' reati konsistenti fi ksur tar-regolamenti tat-traffiku f'iktar minn okkazjoni waħda. Qieset ukoll li l-appellant ħallas l-ispejjez kollha marbuta mal-hsarat u il-griehi li sofriet il-vittma Rachel Lynn Cauchi konsisenti fl-ispejjez mediċi inkorsi minnha kaġun ta' dan l-inċident. Qieset li l-appellant ma zammx dik il-*proper lookout* mistennija minnu filwaqt li kien qed isuq, li huwa aktar aggravat bil-fatt li kien inebrijat u li qabad u ħareġ fi triq prinċipali minn waħda sekondarja mingħajr ma rrallenta u/jew waqqaf b'dan illi mhux biss ma kkunsidrax il-periklu ghalih nnifsu imma fuq kollox ghal terzi persuni inkluzi b'mod specjali ż-żewġ passiġieri li kienu rekbin miegħu.[14] Konsegwentement il-piena inflitta ghandha tibqa' invarjata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Matthew Munro u konsegwentement tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Novembru 2017 fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

[14] '*Huwa principju assodat fil-gurisprudenza, li sewwieq ta' vettura ghandhu jsuq b' mod diligenti tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu. Konformament ma' dan, huwa ghandu l-obbligu li jassigura li s-sewqan tieghu ma jpoggihx f' sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jirreagixxi b' mod adegwat ghal xi emergenza li tista' tinholoq".* - Mizzi Brian R. Et Noe Vs Ciappara John deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mill-Imħallef Noel Cuschieri nhar is-26/03/2003. Ara wkoll Middle Sea Insurance Company Ltd Et Vs Psaila Stuart, Prim Awla tal-Qorti Ċivili (08/10/2004) u Pulizija vs Alfonso Abela, Qorti tal-Appell Kriminali (10/03/2005).